IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL–KUNSILL

## Konklużjonijiet tal-Kunsill

## "Aċċess għall-ġustizzja – nisfruttaw l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni"

(2020/C 342 I/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

— fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa;

— fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2019 dwar il-futur tal-kooperazzjoni fil-ġustizzja ċivili;

— fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar il-Eurojust: l-unità ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni fl-era diġitali;

— fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2019 dwar il-pjan ikkoordinat dwar l-iżvilupp u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali magħmula fl-Ewropa;

— fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar it-triq 'il quddiem biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE;

— l-Istrateġija tal-Kunsill dwar il-Ġustizzja elettronika 2019-2023 tas-6 ta' Diċembru 2018;

— il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar il-Ġustizzja elettronika 2019-2023 tas-6 ta' Diċembru 2018;

— il-konferenza "Aċċess għall-Ġustizzja fl-Era Diġitali - Perspettivi u Sfidi" ospitata mill-Presidenza Ġermaniża fis-16 ta' Lulju 2020;

— il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020) 456 final);

— it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020 (COM(2020) 306 final);

— il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titlu "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa" (COM(2020) 67 final);

— il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija Ewropea għad-data" (COM(2020) 66 final);

— il-White Paper tal-Kummissjoni dwar "L-Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja", (COM(2020) 65 final);

— l-Istħarriġ "Your rights matter: Data protection and privacy, Fundamental Rights" (mhux disponibbli bil-Malti) tal-2020 mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali;

— il-"Handbook on European Law relating to access to justice" (mhux disponibbli bil-Malti) tal-2016 mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

— l-istudju dwar l-użu ta' teknoloġiji innovattivi fil-qasam tal-ġustizzja, ippubblikat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Settembru 2020;

— l-istudju dwar il-ġustizzja kriminali diġitali transkonfinali, ippubblikat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Settembru 2020;

— ir-rakkomandazzjoni tad-19 ta’ Mejju 2019 “Unboxing Artificial Intelligence: 10 Steps to protect Human Rights” (mhux disponibbli bil-Malti) mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa;

— il-linji gwida tal-2019 dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Protezzjoni tad-Data mill-Kumitat Konsultattiv tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta’ Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar ta’ Data Personali tal-Kunsill tal-Ewropa;

— il-Karta Etika Ewropea dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fis-sistemi ġudizzjarji, adottata mill-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ) tal-Kunsill tal-Ewropa fit-3-4 ta’ Diċembru 2018;

— il-lista ta’ kontroll tal-Istat tad-Dritt tal-2016 mill-Kummissjoni ta’ Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa;

**Aċċess għall-ġustizzja**

1. JENFASIZZA li l-aċċess għall-ġustizzja huwa dritt fundamentali u element ewlieni tal-istat tad-dritt, li huwa wieħed mill-valuri essenzjali li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u li huma komuni għall-Istati Membri. L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Istati Membri għandhom jipprovdu rimedji suffiċjenti biex jiżguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-UE, u jafda r-responsabbiltà kondiviża għall-iżgurar ta’ stħarriġ ġudizzjarju fi ħdan l-ordni legali tal-UE f’idejn il-qrati/tribunali nazzjonali.

2. IFAKKAR fil-mandat tal-UE li jirriżulta mill-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-iżvilupp tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, kemm f’materji ċivili kif ukoll f’dawk kriminali b’implikazzjonijiet transfruntiera, u jafferma mill-ġdid l-objettiv assoċjat li jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja fl-UE u fl-Istati Membri.

3. JIRRIMARKA li, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kull persuna għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti/tribunal indipendenti u imparzjali sabiex kwalunkwe ksur tad-drittijiet u l-libertajiet tagħha jiġi kkunsidrat permezz ta’ smigħ ġust u pubbliku, u li jkollha persuna biex tagħtiha parir, tiddefendiha u tirrappreżentaha.

4. JAQBEL li dan id-dritt għal protezzjoni legali effettiva jrid jiġi affermat b’mod sħiħ ukoll fil-kundizzjonijiet maħluqa mit-trasformazzjoni diġitali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa u effettiva tal-liġi tal-UE, tittejjeb l-aċċettazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji u tissaħħaħ il-fiduċja fl-istat tad-dritt.

5. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-iżvilupp diġitali tas-settur tal-ġustizzja jenħtieġ li jkun iċċentrat fuq il-bniedem u għandu jkun iggwidat b’mod kostanti u allinjat mal-prinċipji fundamentali tas-sistemi ġudizzjarji, jiġifieri l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati/tribunali, il-garanzija ta’ protezzjoni legali effettiva, u d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli.

6. JENFASIZZA li t-teknoloġiji diġitali jistgħu jintużaw fis-sistemi ġudizzjarji biex javvanzaw l-aderenza mal-istandards tal-istat tad-dritt u kemm l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif ukoll ir-rispett tagħhom.

7. JISĦAQ li ċ-ċittadini kollha jenħtieġ li jibbenefikaw mill-possibbiltajiet diġitali addizzjonali u jenħtieġ li jgawdu opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-aċċess diġitali għall-ġustizzja u għal proċeduri ġusti, u li l-parteċipazzjoni diġitali trid għalhekk tkun garantita mingħajr kondizzjonijiet għall-gruppi kollha tas-soċjetà mingħajr ebda diskriminazzjoni. Jenħtieġ li jittieħed kont, b’mod partikolari, tal-ħtiġijiet ta’ persuni vulnerabbli, inkluż it-tfal u adulti vulnerabbli bħall-anzjani u l-persuni b’diżabbiltà, u tal-vittmi tal-kriminalità. Fi kwalunkwe każ, l-użu tat-teknoloġiji diġitali fis-sistemi ġudizzjarji jenħtieġ li ma jnaqqasx is-salvagwardji proċedurali għal dawk li ma għandhomx aċċess għal tali teknoloġiji.

**Ġustizzja diġitali**

8. JIFHEM li f’dawn l-aħħar deċennji t-trasformazzjoni diġitali biddlet ħajjet in-nies b’mod profond u li ser tkompli tagħmel dan.

9. JIRRIKONOXXI li s-sistemi ġudizzjarji, bħala pilastru ċentrali tal-istat tad-dritt, qed jiffaċċaw dawn id-domandi li qed jevolvu u qed jagħmlu l-possibbiltajiet teknoloġiċi adatti disponibbli għaċ-ċittadini. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, għodda ta' informazzjoni komparattiva ppubblikata kull sena mill-Kummissjoni Ewropea, ukoll diġà tipprovdi data dwar diversi indikaturi tad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji għall-Istati Membri kollha, bħall-aċċess online għal sentenzi jew is-sottomissjoni u s-segwitu ta' talbiet online.

10. JENFASIZZA li miżuri bħat-twettiq ta' proċeduri diġitali tal-qorti/tribunal, il-komunikazzjoni elettronika bejn il-partijiet, il-qrati u l-awtoritajiet, it-trażmissjoni elettronika ta' dokumenti u l-użu ta' seduti u konferenzi bl-awdjo u bil-vidjo diġà saru elementi importanti ta' amministrazzjoni ġudizzjarja effiċjenti f'għadd kbir ta' Stati Membri.

11. JILQA' l-progress li sar fil-qasam tal-Ġustizzja elettronika f'dawn l-aħħar għaxar snin, b'mod partikolari l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni suċċessivi (attwalment l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġustizzja elettronika għall-2019-2023).

12. JOSSERVA evoluzzjoni dinamika tat-teknoloġiji diġitali fis-setturi ġudizzjarji u legali tal-UE, li fihom qed jiġu fformulati dejjem aktar pjanijiet għall-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, fosthom sistemi ta' intelliġenza artifiċjali għall-ġustizzja.

13. KONVINT li d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri għandha potenzjal enormi biex tkompli tiffaċilita u ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja għaċ-ċittadini fl-UE kollha. L-għodod diġitali jistgħu jgħinu biex jistrutturaw aħjar il-proċeduri u biex jawtomatizzaw u jaċċelleraw it-trattament ta' kompiti standardizzati u uniformi, u b'hekk iżidu l-effettività u l-effiċjenza tal-proċeduri tal-qorti/tribunal.

14. JINKORAĠIXXI lill-Istati Membri biex f'dan il-kuntest jagħmlu użu akbar mill-għodod diġitali offruti mill-qafas eIDAS, bħal mezzi siguri ta' identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji bħala strumenti effettivi ħafna għall-promozzjoni ta' aċċess rapidu, konvenjenti, sigur, affidabbli u mifrux għas-sistema ġudizzjarja.

15. JENFASIZZA li, fejn possibbli, jenħtieġ li jiġu żviluppati soluzzjonijiet diġitali għall-andament sħiħ tal-proċeduri ġudizzjarji biex jippermettu proċeduri aktar rapidi u aktar siguri u biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li, sa fejn hu possibbli, tali soluzzjonijiet ikunu interoperabbli ma' xulxin.

16. JAFFERMA MILL-ĠDID l-objettiv li jittejbu aktar il-kwalità għolja u t-trasparenza tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'konformità mal-istat tad-dritt permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali.

17. JISĦAQ madankollu li l-użu ta' teknoloġiji diġitali u ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettronika jenħtieġ li ma jdgħajjifx id-dritt għal smigħ ġust, b'mod partikolari d-dritt għal opportunitajiet ugwali għall-partijiet u d-dritt għal proċeduri kontradittorji, id-dritt għal smigħ pubbliku, inkluż f'ċerti każijiet id-dritt għal smigħ orali fil-preżenza fiżika tal-parti affettwata, kif ukoll id-dritt ta' appell.

18. JISSOTTOLINJA l-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni biex iċ-ċittadini u l-prattikanti legali jkunu jistgħu jkollhom – sa fejn dan huwa permissibbli skont il-liġi nazzjonali – aċċess komprensiv f'kull ħin għal informazzjoni legali bħal leġiżlazzjoni u deċiżjonijiet tal-qrati/tribunali anonimizzati, kif ukoll informazzjoni dwar il-progress tal-każ tagħhom stess, u JIĠBED L-ATTENZJONI għall-possibbiltajiet teknoloġiċi biex tali informazzjoni ssir disponibbli b'mod miftuħ, u tkun interoperabbli, aktar faċli biex tinstab u tinftiehem, aktar faċli biex tintuża u aktar faċli biex tintuża mill-ġdid.

19. JISSOTTOLINJA li l-għoti ta' aċċess diġitali aħjar għall-ġustizzja u t-twettiq ta' proċeduri tal-qorti/tribunal diġitali jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal persuni minn żoni remoti u rurali b'mod partikolari, dment li jiġu ssodisfati l-prerekwiżiti tekniċi kollha meħtieġa – bħall-aċċess għall-internet broadband b'kapaċità għolja.

20. JIRRIKONOXXI madankollu li huwa meħtieġ li jinżammu proċessi tradizzjonali mhux diġitali u, fejn disponibbli, helpdesks fiżiċi, flimkien mal-forom diġitali l-ġodda sabiex iċ-ċittadini li għadhom ma jistgħux jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-iżviluppi teknoloġiċi jingħataw protezzjoni legali effettiva u aċċess għall-ġustizzja. Fl-istess ħin, hemm bżonn li ċ-ċittadini jingħataw informazzjoni komprensiva b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli dwar kif jużaw is-servizzi diġitali u kif jasserixxu d-drittijiet tagħhom b'dan il-mod.

21. JIRRIKONOXXI li l-użu tat-teknoloġiji diġitali fis-settur tal-ġustizzja huwa sensittiv ħafna u għalhekk għandu jissodisfa standards tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fir-rigward tal-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà u jikkonforma b'mod sħiħ mal-leġiżlazzjoni dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Aktar dipendenza fuq it-teknoloġija diġitali, u b'mod partikolari fuq proċessi awtomatizzati, teħtieġ monitoraġġ uman bir-reqqa ta' tali sistemi, inkluż dawk li jużaw l-intelliġenza artifiċjali, u trasparenza akbar biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-pubbliku.

22. JENFASIZZA li l-użu tat-teknoloġiji diġitali jista' jtejjeb ukoll l-aċċess għal metodi ekstraġudizzjarji u alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva f'kull każ individwali u d-dritt ta' proċess ġust, kif ukoll l-aċċess għal għodod ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi għaċ-ċittadini, li jistgħu jikkontribwixxu biex jiġi evitat it-tilwim.

23. JIRRIKONOXXI li diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-ġustizzja u użu msaħħaħ ta' teknoloġiji ġodda huma faċilitaturi ewlenin biex jiġu żgurati l-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistemi ġudizzjarji u JISSOTTOLINJA li l-Istati Membri u l-UE jenħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu u jespandu aktar id-diġitalizzazzjoni f'dan is-settur, bil-ħsieb li jiġi żgurat għal kulħadd l-aċċess ugwali għas-servizzi diġitali u d-disponibbiltà tagħhom.

24. JENFASIZZA li l-kriżi tal-COVID-19 ikkonfermat il-ħtieġa li jsir investiment fl-għodod diġitali u jsir użu minnhom fil-proċeduri ġudizzjarji fl-Istati Membri u fi proċeduri transfruntiera.

25. JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġu żviluppati kanali interoperabbli adatti biex jiġi żgurat li s-sistemi ġudizzjarji jistgħu jikkooperaw b'mod diġitali b'mod effiċjenti u sigur. Il-CODEX elettroniku (e-Codex - Ġustizzja elettronika permezz tal-Iskambju ta' Data Online) huwa l-għodda ewlenija għal komunikazzjoni sigura fi proċeduri transfruntiera, kemm ċivili kif ukoll kriminali, u l-użu tiegħu għandu jiġi mħeġġeġ aktar.

26. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva, li għandha tiġi nnegozjata fil-grupp ta' ħidma kompetenti, li tiżgura s-sostenibbiltà tal-e-CODEX bi struttura adegwata ta' governanza u ġestjoni kompatibbli mal-eu-LISA li tirrispetta l-indipendenza tal-ġudikatura u r-rekwiżiti kostituzzjonali tal-Istati Membri filwaqt li tiżgura rappreżentanza adegwata tal-awtoritajiet ġudizzjarji tal-UE u tal-Istati Membri, kif ukoll tal-partijiet ikkonċernati ewlenin.

27. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-azzjonijiet possibbli u tippreżenta l-ideat tagħha għall-implimentazzjoni tagħhom fil-qasam[...] tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, filwaqt li tieħu kont tal-opinjoni tal-Istati Membri:

— *fil-qasam ta' materji ċivili u kummerċjali*, billi tibni fuq il-progress li diġà sar fil-modernizzazzjoni tal-iskambji transfruntiera bejn l-awtoritajiet permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-użu tal-IT bħal fil-kuntest tar-regolamenti dwar in-notifika ta' dokumenti u l-kumpilazzjoni ta' xhieda, u tkompli teżamina l-potenzjal għall-modernizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-istrumenti fil-qasam ta' materji ċivili u kummerċjali f'konformità mal-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku", b'attenzjoni partikolari fuq dawk l-istrumenti li huma ta' rilevanza diretta għaċ-ċittadini u n-negozji;

— *fil-qasam ta' materji kriminali*, billi tuża r-riżultati tal-istudju reċenti dwar il-Ġustizzja Kriminali Diġitali u l-ħidma mwettqa mill-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-Eurojust u l-partijiet ikkonċernati kollha involuti f'dan il-kuntest; barra minn hekk, billi tikkunsidra għal liema strumenti oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ta' materji kriminali tista' tiġi estiża s-Sistema ta' Skambju Diġitali ta' Evidenza Elettronika (eEDES), li diġà tappoġġa proċeduri relatati mal-Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej u l-assistenza legali reċiproka bejn l-Istati Membri, filwaqt li tinvolvi lill-Istati Membri kollha mill-bidu nett sabiex tiġi evitata Ewropa b'veloċitajiet differenti.

28. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa strateġija komprensiva tal-UE lejn id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja sa tmiem l-2020, pereżempju fil-forma ta' komunikazzjoni, u biex tkompli tiżviluppa l-monitoraġġ tal-indikaturi rilevanti tad-diġitalizzazzjoni fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE sabiex tassisti lill-UE u lill-Istati Membri biex jipprovdu aċċess mingħajr xkiel għall-ġustizzja, itejbu l-effettività tas-sistemi tal-ġustizzja u jippermettu kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera effiċjenti.

**Ħiliet diġitali**

29. JINNOTA li l-promozzjoni tal-ħiliet diġitali fis-settur tal-ġustizzja hija meħtieġa sabiex l-imħallfin, il-prosekuturi, il-persunal ġudizzjarju u prattikanti oħra tal-ġustizzja jkunu jistgħu jużaw u japplikaw teknoloġiji u għodod diġitali b'mod effettiv u bir-rispett dovut għad-drittijiet u l-libertajiet ta' dawk li jfittxu l-ġustizzja.

30. JENFASIZZA l-importanza li tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar l-użu tat-teknoloġiji diġitali fis-soċjetà ċivili u JILQA' l-inizjattivi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u biex tiżdied il-kompetenza diġitali tan-nies, inkluż permezz tar-riċerka, it-taħriġ u l-edukazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn it-teknoloġiji diġitali biex ikomplu jtejbu l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja.

31. JENFASIZZA li huwa partikolarment meħtieġ li l-imħallfin, il-prosekuturi, il-persunal ġudizzjarju u prattikanti oħra tal-ġustizzja jkunu mħarrġa biżżejjed biex ikunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji tal-użu tat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll biex jindirizzaw ir-riskji assoċjati mal-użu tagħhom u r-rekwiżiti etiċi f'termini tal-imġiba tagħhom stess. Sabiex jiġi żgurat l-użu kompetenti u jiġu evitati kemm id-dipendenza żejda fuq l-outputs tas-software kif ukoll in-nuqqas ta' fiduċja fihom mingħajr raġuni, l-utenti jeħtieġu wkoll fehim adegwat ta' kif jaħdmu l-għodod tal-intelliġenza artifiċjali u x'inhuma l-possibbiltajiet u l-limitazzjonijiet ta' tali għodod, inkluż il-preġudizzji dwar il-persuni u l-gruppi li fuqhom huma bbażati. It-taħriġ ġudizzjarju jenħtieġ li jiffoka wkoll fuq protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-individwi fl-ispazju diġitali, inkluż id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

32. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippromwovi opportunitajiet ta' taħriġ fil-kompetenza u l-ħiliet diġitali għall-imħallfin, il-prosekuturi, il-persunal ġudizzjarju u prattikanti oħra tal-ġustizzja, inkluż permezz tan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji diġitali fil-metodoloġija tat-taħriġ ġudizzjarju.

**Intelliġenza artifiċjali**

33. JINNOTA li l-użu ta' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali fis-settur tal-ġustizzja diġà qed jiġi riċerkat u żviluppat fl-UE u li l-implimentazzjoni prattika ta' tali sistemi hija diġà imminenti f'xi Stati Membri. JIRRIKONOXXI li livell suffiċjenti ta' diġitalizzazzjoni huwa wkoll prerekwiżit għall-użu tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali.

34. JILQA' l-istudju tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-użu ta' teknoloġiji innovattivi fil-qasam tal-ġustizzja, li jqis l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji blockchain mill-awtoritajiet nazzjonali u jirrakkomanda t-tisħiħ tal-koordinazzjoni fil-livell tal-UE sabiex jiġu żgurati s-sinerġiji u l-interoperabbiltà.

35. JENFASIZZA li fil-futur is-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali fis-settur tal-ġustizzja jistgħu jkunu kapaċi jwettqu kompiti dejjem aktar kumplessi – fi ħdan il-qafas legali ta' Stat Membru – bħall-analiżi, l-istrutturar u t-tħejjija ta' informazzjoni dwar is-suġġett tal-kawżi, it-traskrizzjoni awtomatika ta' rekords ta' smigħ orali, l-offerta ta' traduzzjoni awtomatika, l-appoġġ għall-analiżi u l-evalwazzjoni ta' dokumenti legali u sentenzi tal-qorti/tribunal, l-istima tal-possibbiltajiet ta' suċċess ta' kawża, l-anonimizzazzjoni awtomatika tal-ġurisprudenza u l-għoti ta' informazzjoni permezz ta' chatbots legali.

36. JINNOTA li l-iżvilupp ta' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali, b'mod partikolari sistemi ta' tagħlim awtomatiku, jiddependi fuq id-disponibbiltà komprensiva ta' settijiet kbar ta' data, bħal fajls u sentenzi tal-qrati/tribunali anonimizzati, li huma ta' kwalità għolja fir-rigward tal-iskopijiet li għalihom għandhom jintużaw.

37. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, teżamina mhux biss il-kundizzjonijiet li taħthom din l-informazzjoni tkun tista' ssir tinqara minn magna, tkun disponibbli, affidabbli, tista' terġa' tintuża u tkun tista' tiġi analizzata, fost l-oħrajn billi jsir użu mill-qafas tal-ECLI, iżda wkoll kif id-distorsjonijiet fis-settijiet ta' data jistgħu jiġu indirizzati biex jiġu evitati eżiti diskriminatorji.

38. JIRRIKONOXXI li l-użu tal-għodod tal-intelliġenza artifiċjali għandu l-potenzjal li jtejjeb il-funzjonament tas-sistemi tal-ġustizzja għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji billi jassisti lill-imħallfin u lill-persunal ġudizzjarju fl-attivitajiet tagħhom, iħaffef il-proċeduri tal-qorti/tribunal u jgħin biex jitjiebu l-komparabbiltà, il-konsistenza u, fl-aħħar mill-aħħar, il-kwalità tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

39. JISSOTTOLINJA li l-użu tal-għodod tal-intelliġenza artifiċjali m'għandux jinterferixxi mas-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-imħallfin jew mal-indipendenza ġudizzjarja. Deċiżjoni tal-qorti trid dejjem tittieħed minn bniedem u ma tistax tiġi ddelegata lil għodda ta' intelliġenza artifiċjali.

40. JENFASIZZA li l-applikazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fis-settur tal-ġustizzja jista' jkun fiha wkoll ir-riskju li d-diskriminazzjoni eżistenti titkompla u possibbilment tissaħħah, inkluż l-isterjotipi, il-preġudizzji jew l-inugwaljanzi strutturali, u li jiġi permess it-teħid ta' deċiżjonijiet distorti jew opaki, u b'hekk tista' tirriżulta f'indeboliment tad-drittijiet fundamentali bħad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għal-libertà, in-nondiskriminazzjoni, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data u d-dritt għal proċess ġust.

41. JENFASIZZA li f'ċerti każijiet, l-eżiti tas-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali bbażati fuq it-tagħlim awtomatiku ma jistgħux jiġu segwiti, u dan iwassal għal effett black box li jipprevjeni r-responsabbiltà adegwata u meħtieġa u jagħmilha impossibbli li jiġi vverifikat kif inkiseb ir-riżultat u jekk jikkonformax mar-regolamenti rilevanti. Dan in-nuqqas ta' trasparenza jista' jdgħajjef il-possibbiltà li jiġu kkontestati b'mod effettiv id-deċiżjonijiet ibbażati fuq tali eżiti u b'hekk jista' jikser id-dritt għal proċess ġust u rimedju effettiv, u jillimita l-oqsma li fihom dawn is-sistemi jistgħu jintużaw legalment.

42. JAQBEL mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni fil-White Paper tagħha dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li s-settur ġudizzjarju huwa qasam fejn id-drittijiet taċ-ċittadini jistgħu jiġu affettwati direttament u li għalhekk jista' jkun rilevanti qafas regolatorju Ewropew ċar f'dan il-qasam.

43. JAPPOĠĠA l-fehma tal-Kummissjoni li l-ġudikatura hija settur fejn, minħabba l-karatteristiċi tal-attivitajiet tipikament imwettqa, wieħed jista' jistenna li jkun hemm riskji sinifikanti. Huma meħtieġa salvagwardji suffiċjenti biex jiggarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u biex jiżguraw żvilupp u użu ta' applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali fis-settur tal-ġustizzja li jkunu responsabbli, affidabbli, orjentati lejn l-interess pubbliku u ċċentrati fuq il-bniedem.

44. JAFFERMA l-ħtieġa li jiġu esplorati u deċiżi rekwiżiti legali obbligatorji li għandhom jiġu stabbiliti għat-tfassil, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, l-użu u l-evalwazzjoni tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali fis-settur tal-ġustizzja sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-riskji potenzjali għad-drittijiet fundamentali. Dawn ir-regoli jistgħu jinkludu b'mod partikolari projbizzjoni ta' awtomatizzazzjoni li tagħmel opak it-teħid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, livelli xierqa ta' trasparenza, intelliġibbiltà, verifikabbiltà, robustezza, preċiżjoni, sigurtà, responsabbiltà, kif ukoll rekwiżiti għall-prevenzjoni ta' effetti diskriminatorji.

45. JISSOTTOLINJA li s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali fis-settur tal-ġustizzja, speċjalment dawk involuti fi proċeduri ġudizzjarji, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal proċedura ta' valutazzjoni ex ante rigward, fost l-oħrajn, l-affidabbiltà, l-intelliġibbiltà, ir-robustezza u s-sigurtà tas-sistema. JIĠBED L-ATTENZJONI għall-ħtieġa ta' sistema adegwata u effettiva għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali u r-riżultati tagħhom.

46. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tieħu kont tal-benefiċċji potenzjali kif ukoll tar-riskji u r-rekwiżiti speċifiċi għas-settur tal-ġustizzja meta tkun qed tfassal qafas legali futur possibbli tal-UE għall-intelliġenza artifiċjali.

**Finanzjament**

47. JENFASIZZA li filwaqt li d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja toffri benefiċċji konkreti u dejjiema f'termini ta' tnaqqis tal-ispejjeż relatati mal-aċċess għall-ġustizzja u l-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji, l-investimenti inizjali f'diversi azzjonijiet ser jeħtieġu finanzjament xieraq. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżgura finanzjament xieraq biex tkun appoġġata d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-programm Ewropa Diġitali.

48. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jipparteċipaw f'sejħiet għal proposti tal-UE għal finanzjament u biex jiżviluppaw b'mod attiv azzjonijiet relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja billi jużaw diversi opportunitajiet ta' finanzjament mill-baġit tal-UE, pereżempju permezz ta' Fondi ta' Koeżjoni, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Programm dwar il-Ġustizzja.

49. JINNOTA l-importanza li jiġi ggarantit li, fil-livell tal-UE, l-aċċess għall-finanzjament għandu jiġi ffaċilitat, b'mod partikolari billi l-formalitajiet amministrattivi jsiru sempliċi kemm jista' jkun, filwaqt li jiġi rrispettat ir-Regolament Finanzjarju.

50. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri kollha u lill-Parlament Ewropew biex jiżguraw il-finanzjament ta' azzjonijiet relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja permezz tad-diversi strumenti finanzjarji inklużi fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippromwovi b'mod attiv azzjonijiet, inkluż fil-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp, relatati mad-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni teknoloġika tal-ġustizzja fil-Programmi ta' Ħidma.

**Sforzi ta' kooperazzjoni kontinwi**

51. JISTIEDEN lill-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż il-Kummissjoni, l-Istati Membri kollha, il-Parlament Ewropew u l-prattikanti legali, biex jikkooperaw fi sforz komuni, kostruttiv u sostenibbli biex jippromwovu kontinwament id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-sistemi tal-ġustizzja.

52. JIRRIKONOXXI u ser jikkunsidra l-ħidma u l-inizjattivi siewja mwettqa fir-rigward tal-użu tat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-intelliġenza artifiċjali, fil-Kunsill tal-Ewropa u l-istituzzjonijiet tiegħu, bħall-Kummissjoni Ewropea għall-effiċjenza tal-ġustizzja u l-Kumitat Ad hoc dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll f'fora oħra, bħall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u n-Nazzjonijiet Uniti, u JISĦAQ fuq l-importanza tal-koerenza u l-kooperazzjoni f'dan il-qasam.